



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

12.9.2011

0037/2011

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment tal-Patt tal-Gżejjer bħala inizjattiva Ewropea uffiċjali

**Spyros Danellis, Maria Da Graça Carvalho, Kyriakos Mavronikolas,
Alyn Smith, Giommaria Uggias**

Data ta' skadenza: 15.12.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istabbiliment tal-Patt tal-Gżejjer bħala inizjattiva Ewropea uffiċjali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-gżejjer jiddependu ħafna fuq fjuwils fossili impurtati, bi spejjeż ogħla tal-fjuwil, iżda huma wkoll opportunità għar-riċerka, id-demostrazzjoni u l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u azzjonijiet effiċċenti tal-enerġija,
- B. billi l-gżejjer huma vulnerabbli għall-bidla fil-klima minħabba l-livelli għolja tal-bijodiversità u l-ekosistemi fraġli,
- C. billi l-enerġiji rinnovabbli huma abbundanti u l-iżvilupp tagħhom jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-iżvantaġġi strutturali permanenti tal-gżejjer, li joffru beneficiji soċċioekonomici lill-abitanti tagħhom,
- 1. Jawgura lill-komunitajiet u lir-reġjuni periferali li ffirmaw il-Patt bl-ġhan li jmorru lil hinn mill-objettiv tal-Istrateġija Ewropa 2020, li jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO² fit-territorji rispettivi tagħhom b'tal-inqas 20%;
- 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovd l-appoġġ tagħha lill-komunitajiet tal-gżejjer Ewropej bl-ġhan li jiksbu l-objettivi għas-sostennibiltà tal-UE;
- 3. Jinsisti fuq il-preżenza ta' referenzi distinti u espliċiti għal sostennibiltà insulari fil-programmi tal-qafas tal-UE u testi tal-politiki biex tkun konformi mal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- 4. Jinsisti li l-inċentivi huma maħluqa għall-gżejjer kollha biex jaderixxu għall-Patt u jipparteċipaw fin-netwerking tal-gżejjer;
- 5. Jenfasizza l-bżonn tal-immobilizzar tar-riżorsi finanzjarji xierqa biex jappoġġaw il-funzjonament tal-proċess tal-Patt, ibbażat fuq il-mudell tal-Patt tas-Sindki, il-Bliet Intelliġenti (Smart Cities) u inizjattivi oħra simili tal-UE;
- 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni.